# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum id-9 ta' Lulju 2020**

Appell numru 116 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Owen EBEJER**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 t'April 2019 fil-konfront ta' Owen EBEJER, detentur tal-karta tal-identita 325499M fejn ġie mixli talli fis-27 ta' Mejju 2018, għall-ħabta ta' bejn il-05:30 u s- 06:30, ġewwa Triq Walter Ganado, Pembroke (in suċċint)

I. Volontarjament kiser il-bonordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied;

II. Inġurja jew hedded lil James Farrugia;

III. F'lok pubbliku jew miftuh għall-pubbliku kien fis-sakra b'tali mod li ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

IV. Mingħajr ma dorob jew sawwat, hedded lil James Farrugia b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma biex iħebb għalih;

V. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara fi ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal €236 għad-dannu ta' James Farrugia;

VI. Bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil James Farrugia biża li se tintunża vjolenza kontra tiegħu jew kontra l-proprjeta tiegħu jew kontra l-persuna jew proprjeta ta' xi ħall mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa jew familjari oħra tiegħu;

VII. Talli naqas li jobdi l-ordnijiet mogħtija lilu minn PS345 uffiċjal pubbliku waqt il-qadi tad-doveri tiegħu jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lill-imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

VIII. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll biex tipprovdi skont l-artikoli 383 u 412C tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti filwaqt li sabet lill-imputat Owen EBEJER mhux ħati tat-tieni, tielet, sitt u sebgħa imputazzjonijiet u lliberatu minnhom, fil-kontemp sabitu ħati fir-rigward tal-ewwel, raba' u l-ħames imputazzjonijiet u wara li rat l-artikoli 17, 31, 251B(1), 338(dd)(ee)(ff), 339(1)(b)(e) u 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali kkundannatu għall-piena ta' multa ta' tmenin euro (€80).

3. L-Avukat Ġenerali appella b'rikors datat 26 t'April 2019 stqarr li ħassu aggravat bis-sentenza aktar il-fuq imsemmija. Il-Qorti tibda biex tirrimarka li l-appell setgħa kien redatt u strutturat bi ftit aktar attenzjoni għad-dettall u preċiżjoni fir-rigward tal-bażi legali tiegħu. Din il-Qorti sejra tammetti dan l-appell bħala wieħed validu in kwantu minkejja dak mistqarr aktar il-fuq, il-ħsieb tal-Avukat Ġenerali dwar ir-raġunijiet legali li fuqhom huwa bażat dan l-appell huma riflessi fl-appell – għalkemm setgħu jiġu preċiżati aħjar.

4. Fil-qosor l-Avukat Ġenerali jargumenta li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet enunċjazzjoni u applikazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta inflīġġiet piena fil-konfront tal-appellat li ma kienetx tinkwadra fil-parametri tal-Liġi Maltija. L-Avukat Ġenerali jgħid li l-piena tal-multa ma kienetx tinkwadra fil-parametri tal-Liġi u dan peress li skont l-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, ir-reat ta' ħsara volontarja fi proprjeta ta' ħaddieħor huwa punit bil-piena ta' priġunerija għal perjodu li ma jaqbiżx is-sitt xhur meta l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri l-mitejn u ħamsin euro (€250). B'hekk għadda biex talab lil din il-Qorti sabiex tħassar dik il-parti tas-sentenza li kienet tikkonċerna l-piena li ingħatat fil-konfront tal-appellat u li teroga piena fil-parametri tal-Liġi. Inoltre, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għażlet li tagħti tifsira ta' proċedura sommarja b'mod li għaddiet għas-sentenza mingħajr ma tat lok ta' differiment lil Prosekuzzjoni biex tkun tista' tressaq xhud dwar il-ħsarat sofferti. Għalkemm sommarji dawn il-proċeduri ma jeskludux il-possibilta ta' differimenti, f'każ ta' raġuni ġusta.

Minn dan ir-raġunament, din il-Qorti tista' tifhem li l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa bbażat fuq żewġt aggravji prinċipali, li pero jirriżolvu ruħhom f'appell mill-piena u minn konsegwenza ta' sejbien ta' ħtija, u ċjoe :

a. li l-Qorti tal-Maġistrati applikat il-Liġi ħażin għall-każ in diżamina meta ġiet biex teroga l-piena in kwantu dik il-piena mogħtija minnha kienet, minħabba fix-xorta jew kwantita' tagħha, differenti minn dik preskritta bil-Liġi għar-reat li dwaru l-parti misjuba ħatja kienet ingħata dik is-sentenza;
b. li l-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet lill-Prosekuzzjoni jew lill-kwerelant mid-dritt li jipproduċi b'appoġġ għall-akkuża, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-Liġi fir-rigward tad-danni kaġunati.

5. Illi fi proċeduri t'appell dwar il-piena, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ jekk il-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati kienetx taqa' fil-parametri legali; jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju; jew jekk kienetx manifestament eċċessiva. Din il-Qorti trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati kienetx żbaljata fil-prinċipju jew erogatx piena li kienet manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek*** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when

taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

6. Illi f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali, fis-sustanza, għandu raġun u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellat ħati taħt l-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali u pproċediet biex tapplika l-piena tal-multa - meta taħt dan l-artikolu din il-kwalita ta' piena ma kienetx prevista. Il-piena preskritta għal sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali hija dik ta' priġunerija li ma taqbiżx is-sitt xhur. Dan il-parti tal-aggravju tal-Avukat Ġenerali jimmerita li jiġi milqugħ.

7. Illi kwantu għal dak li għandu x'jaqsam mal-konsegwenza tas-sejbien ta' ħtija u ċjoe relattivament għall-possibilita li l-Qorti ta' ġustizzja kriminali temana ordni ta' ħlas jew kumpens għal danni, jiġi ritenut is-segwenti. Il-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li ma tagħtax lok li jittellgħu xhieda oħra relattivi għall-prova tal-ammont tal-ħsara f'dan il-każ. Dik il-Qorti qieset li dawk kienu proċeduri sommarji u l-istess Qorti ma riedetx li jinħela żmien inutli f'differimenti.

8. Fil-prinċipju dik il-Qorti għandha raġun. Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati huma minn natura tagħhom sommarji. Skop ewlieni ta' proċedura sommarja huwa ċ-ċelerita fid-determinazzjoni tal-kawżi, li ma għandhomx jinħlew f'differimenti bla bżonn. Verament li dawn l-aħħar snin il-kawżi quddiem il-Qrati tal-Maġistrati saru ferm aktar komplessi u onerużi minn dawk li kienu fi żmien meta ġie promulgat il-Kodiċi Kriminali fl-1854. Illum il-ġurnata il-Maġistrati għandhom kompetenza penali u ċivili għolja ħafna meta mqabbla ma dak li kienet fl-1854 meta ġiet imfassla l-proċedura sommarja f'Malta kif baqgħet tiġi riflessa sal-lum.

9. B'hekk l-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali baqgħa xi ftit jew wisq jirrifletti ħafna mill-kliem, u sikurament l-ispirtu, ta' dak li kien oriġinarjament l-artikolu 340,[1] minkejja t-trapass taż-żmien u l-bidla radikali fil-kompetenza tal-Qrati tal-Maġistrati, li matul is-snin ġew dejjem aktar mogħtija oneri u responsabbiltajiet kompetenzjali li

[1] Tosto compiuto l'esame della causa, e nello stesso giorno, quando cio fosse convenientemente praticabile, la corte proferira' la sua decisione, sia con liberare l'imputato, sia con condannarlo.....

waslu għal numru ferm akbar ta' kawżi li jridu jiddeċiedu. L-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali xorta baqa' jgħid li meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża, il-Qorti, dakinhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza billi tillibera jew tikkundanna lill-imputat.

10. Sa' mill-bidu nett, il-Liġi ma tgħidx li s-smiegħ tal-kawża jrid ukoll jingħalaq dakinhar stess. Biss huwa mħolli f'idejn il-Maġistrat li jara jekk, fil-każ in eżami quddiemu, jkunx hemm dawk ir-raġunijiet serji u eċċezzjonali li għandhom jiġu mniżżlin fil-verbal tal-kawża li jiġġustifikaw li jkun hemm differiment tal-udjenza għal data oħra suċċessiva. Il-Liġi dan ma teskludiħx; iżda l-anqas tinkoraġġih.

11. F'dan il-każ jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha b'mod li jidher li kienet soddisfatta, mill-provi li ġew imresqa quddiemha, biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha *criminalibus* dwar il-valur tal-ħsara[2] u għażlet li ma tikkonċedix differiment ieħor sabiex il-Prosekuzzjoni jew il-*parte civile* jresqu dawk il-provi li suppost kien meħtieġ minnhom li jresquhom f'dik

[2] Wieħed jifhem b'xi wieħed mill-kriterji stabbiliti fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deċiża fl-24 ta Frar 2003 minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn ġew stabbiliti s-segwenti prinċipji-

> It-tieni aggravju hu li ma ngabitx l-ahjar prova dwar il-hsara kagunata fil-vettura tal-Gvern. L-appellant ghandu, in parti, ragun. L-istima maghmula mix-xhud Paul Borg (ara d-dokument CC ezibit mix-xhud Charles Caruana) hija opinjoni ex parte u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet u salv dak li jinghad fis- subartikolu (2) ta' l-Artikolu 325, biex tigi determinata l- hsara ghall-finijiet ta' l-Artikolu 325(1) tal-Kodici Kriminali (moqri ma' l-Artikolu 335 ta' l-istess Kodici) din trid (i) jew tigi apprezzata direttament mill-gudikant, fis-sens li jekk il- gudikant ikun jifhem bizzejjed jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-hsara billi jezamina l-oggett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leza tghid kemm effettivament hallset biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oggett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l- ammont tal-hsara. F'dan il-kaz ma tqabbad ebda perit. L- uniku ammont li jista' jigi minn din il-Qorti accettat bhala hsara kagunata fil-vettura huwa dak ta Lm31 ghax effettivament dana l-ammont thallas mid-Dipartiment koncernat biex inxtrat mera gdida minflok dik miksura (ara d-deposizzjoni ta' Paul Borg, fol. 44). Dana l-ammont ipoggi r-reat ipotizzat fil-paragrafu (c) ta' l-Artikolu 325(1) u mhux, kif indikat fl-ewwel imputazzjoni kif migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fil-paragrafu (b).

is-seduta. Il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni u ma hemm xejn fl-atti proċesswali li jindika li l-Qorti ma mxietx ma xi wieħed mill-kriterji msemmija fil-kawża ***Il-Pulizija vs. Joseph Zahra*** imsemmija.

12. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li dik il-Qorti ddeċidiet li ma teżerċitax is-setgħa tagħha biex tordna l-applikazzjoni, inter alia, tal-artikoli 15A jew 532A tal-Kodiċi Kriminali f'dan il-każ. Jingħad li f'dawn l-artikoli tal-Liġi,[3] il-lokuzzjoni tal-Liġi hija tali li tagħti diskrezzjoni lill-Qorti jekk twettaqx is-setgħa tagħha li tordna li jsir ħlas lill-*parte civile* fiċ-ċirkostanzi hemmhekk imsemmija. Dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni u b'hekk din il-Qorti ma tarax li tista' tiddisturba dik is-sentenza fuq dan il-punt.

# ***Konklużjoni***

Għaldaqstant għall-motivi premessi, il-Qorti qegħda tiddisponi minn dan l-appell billi tilqa' biss dik il-parti tal-aggravju tal-Avukat Ġenerali relattivament għall-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati applikat piena li ma kienetx fin-natura u l-kwalita tagħha dik preskritta mill-Liġi għar-reat ta' ħsara volontarja. Għalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tħassar biss dik il-parti tas-sentenza li tolqot il-piena u fejn ikkundannat lill-ħati

[3] u l-istess kif preskritt fl-artikoli 28H tal-Kodiċi Kriminali jew l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

għall-piena ta' multa ta' tmenin euro (€80) u minflok,[4] wara li rat l-artikoli 28A(1) u 28B tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' **xaharejn priġunerija** iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' **sena** mill-lum l-appellat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat bi kliem ċar u li jinftiehem lill-appellat ir-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Altrimenti, safejn mhux mibdula b'din is-sentenza, il-Qorti tikkonfermaha s-sentenza appellata fil-kumplament tagħha.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***

[4] ukoll wara li qieset il-fedina penali tal-appellat, mnejn jirriżulta li Ebejer kien diġa ingħata ordni ta' *probation* permezz ta'sentenza datata 22 ta' Settembru 2015.